**26 ta' Frar, 1993**

**Imħallfin: –**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D. – Aġent President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

Pierre Portelli

*versus*

Victor Zammit

**Rexxissjoni – Inadempjenza**

*Il-kontendenti ftiehmu illi l-konvenut kellu jiġġestixxi negozju ta' razzett u li l-istess konvenut kellu jħallas somma fis-sena b'dan li f'każ ta' inadempjenza ta' żewġ skadenzi l-konvenut ikun obbligat jiżgombra mir-razzett.*

*Ġara illi l-konvenut kien inadempjenti f'żewġ skadenzi. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti fis-sens illi kkundannat lill-konvenut iħallas l-ammont minnu dovut u ordnatlu jiżgombra mir-razzett.*

Is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tat-28 ta' Novembru, 1989 li minnha sar l-appell preżenti taqra hekk:

"L-att taċ-ċitazzjoni huwa dan:

"Peress illi fid-9 ta' Ottubru, 1987 (Dok. A) il-partijiet ftiehmu illi l-konvenut iħaddem razzett magħruf bħala *Selmun*

*Farm* f'Imġiebaħ Road, Selmun, Mellieħa;

Peress illi l-konvenut ikun l-uniku responsabbli tan-negozju ta' l-imsemmi razzett;

Peress illi l-attur u l-konvenut ftiehmu illi l-profitti minn fuq in-negozju tar-razzett ikun ta' Lm700 fis-sena pagabbli bis-sitt xhur bil-quddiem;

Peress illi l-konvenut ma ħallasx żewġ rati semestrali tal-fuq imsemmija profitti fissi u għalhekk hu debitur ta' l-attur fis-somma ta' Lm700 għall-perijodu bejn id-9 ta' Ottubru, 1988 sad-9 ta' Ottubru, 1989;

Peress illi f'każ illi l-konvenut ikun inadempjenti fi ħlas ta' żewġ rati semestrali l-ftehim jiġi mħassar awtomatikament u għalhekk għandu jiżgombra mill-imsemmi fond *Selmun Farm*, Imġiebaħ Road, Selmun, il-Mellieħa;

Jgħid il-konvenut għar-raġunijiet premessi għaliex din il-Qorti m'għandhiex;

(1) tiddikjara u tiddeċidi illi kiser il-ftehim tad-9 ta' Ottubru, 1987 (Dok. A) u konsegwentement ġie riżolt u rexiss u hu null u bla effett fil-liġi;

(2) tikkundanna lill-konvenut jiżgombra mir-razzett magħruf *Selmun Farm* f'Imġiebaħ Road, Selmun fi żmien qasir u perentorju;

(3) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur żewġ rati semestrali bejn id-9 ta' Ottubru, 1988 sad-9 ta' Ottubru, 1989

ammontanti għal Lm700;

Bl-ispejjeż komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Jannar, 1989 u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni;

Il-konvenut eċċepixxa illi (a) t-talba għall-iżgumbrament ma treġix għaliex l-art ta' l-istess razzett hija tal-Gvern u (b) illi l-kondizzjoni risoluttiva mhix espressa u għalhekk hija wkoll infondata t-talba għar-rexissjoni;

Kif jidher mill-verbali tal-kawża u mix-xhieda tal-partijiet;

(a) il-konvenut ammetta d-debitu, skond l-iskrittura, però ħawwad billi ġie infurmat illi billi l-art hija tal-Gvern u mhux ta' l-attur – allura jista' ma jħallasx;

(b) illi għalkemm l-attur kien lest li jirrinunzja għat-talbiet ta' rexissjoni u żgumbrament, jekk il-konvenut iħallas – meta dan ma ħallasx, reġa' insista fuq it-talbiet tiegħu;

(ċ) fl-aħħar tliet seduti, il-konvenut ma deherx u inspjegabbilment abbanduna għalhekk il-kawża;

Fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru, 1989, il-Qorti reġgħet semgħet lix-xhud John Gauci u assikurat ruħha li proprju sa dik il-ġimgħa stess, il-konvenut, fir-razzett aktar kellu bċejjeċ ta' karozzi mkissrin milli annimali;

Ebda prova ma ġiet prodotta mill-konvenut li b'xi mod tinduċi l-Qorti li tiddubita minn dak li qed jitlob l-attur;

Rat il-klawsola 5 li espressament tirrisolvi l-ftehim;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti – filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut – tiddikjara li l-konvenut naqas li jħallas żewġ rati semestrali ta' l-hekk imsejħa "profitti fissi"; tikkundannah iħallas lill-attur l-ammont ta' seba' mitt lira (Lm700) li hija s-somma ta' l-istess żewġ rati semestrali; tiddikjara xolta l-iskrittura tad-9 ta' Ottubru, 1987 u tikkundanna lill-konvenut li jiżgombra mir-razzett imsemmi fl-istess skrittura, sa nhar l-Erbgħa, 31 ta' Jannar, 1990;

L-ispejjeż għall-konvenut";

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* li l-attur appellat jinsab prekluż li jintavola waħdu ċ-ċitazzjoni minnu proposta stante illi mhux l-uniku proprjetarju u aktar m'għandu ebda titolu fuq l-art *de quo;* bl-ispejjeż taż-ewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur għall-appell tal-konvenut li biha ssottometta li l-istess appell għandu jiġi respint billi l-ftehim esibit fil-proċess huwa r-rabta ġuridika li ddeterminat ir-relazzjonijiet ġuridiċi bejn il-kontendenti u l-ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni fuq tali skrittura kif kienet obbligata tagħmel skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Skond l-appellant m'hemm ebda prova fejn jirriżulta li l-attur appellat ġie rikonoxxut fit-titolu tiegħu ta' qbiela li huwa allega li jippossjedi. L-attur sempliċement ħadha bħala naturali li art tal-Gvern mogħtija bi qbiela taqa' direttament f'idejh u l-membri tal-familja l-oħra mal-mewt ta' missieru. Jissottometti wkoll li dwar min jiddetjeni l-qbiela u min hu dak rikonoxxut fl-istess qbiela mill-Gvern *qua sid* ma ssemma xejn;

Fl-aħħarnett l-appellant issottometta wkoll li huwa ammetta quddiem l-ewwel Qorti li huwa għandu jħallas basta jkun jaf li minn hemm ma kienx ser jiġi mitfugħ barra. Dan huwa l-punt kruċjali tal-kawża li *del resto* l-attur appellat lanqas seta' jipproponiha waħdu;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok jiġi rrilevat li dan l-appell huwa frivolu u vessatorju għall-aħħar u dan għal żewġ raġunijiet;

Fl-ewwel lok għaliex jidher mill-atti proċesswali relattivi għall-proċeduri fi prim'istanza u mill-istess sentenza appellata li mhux biss il-konvenut kien kontradittorju miegħu nnifsu billi f'nifs wieħed jammetti d-debitu u fl-istess ħin jirrifjuta li jħallas, iżda wkoll li f'ċertu stadju ma weriex iktar interess fil- kawża allavaolja l-attur urieh li kien propens li jirrinunzja għar-rexxissjoni u żgumbrament jekk il-konvenut iħallas;

Fit-tieni lok għaliex jekk il-konvenut appellant kien qed jippretendi li mhux marbut bil-kuntratt indikat, il-mod kif kellu jaġixxi, jew kif wieħed jistenna minnu li kellu jaġixxi, ma kienx il-mod li effettivament addotta li fil-fehma tagħha mhux ħlief sistema ta' ostruzzjoniżmu. Infatti din il-Qorti ma tistax ma

tissenjalax li llum wara li fi prim'istanza hemm diversi verbali fejn l-appellant għamel dikjarazzjonijiet konfliġġenti għall-istess eċċezzjonijiet minnu ssollevati (ara fol. 8, fol. 9) ma jistax jippretendi li dak li ma għamilx fi prim'istanza jista' jagħmlu issa;

Is-sentenza appellata ma fiha xejn x'jindika li tista' tiġi b'xi mod iċċensurata u inoltre l-istess sentenza appellata hija l-konsegwenza diretta ta' żewġ fatturi, u ċjoè fl-ewwel lok il-kuntratt eżistenti bejn il-kontendenti, u fit-tieni lok l-operat ta' l-istess konvenut;

Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell u konsegwentement, tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li t-terminu għall-iżgumbrament jibda jiddekorri mil-lum. Inoltre *stante* li l-appell tal-konvenut huwa evidentement frivolu u vessatorju, fit-termini tal-liġi, tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż doppji ta' din l-istanza.